

Brussell, 11 ta' Marzu 2019  
(OR. en)

7218/19

---

**Fajl Interistituzzjonali:**  
**2019/0048(NLE)**

---

**PECHE 97**

**PROPOSTA**

---

minn:	Segretarju Ġenerali tal-Kummissjoni Ewropea, iffirmat mis-Sur Jordi AYET PUIGARNAU, Direttur
data meta waslet:	6 ta' Marzu 2019
lil:	Is-Sur Jeppe TRANHOLM-MIKKELSEN, Segretarju Ġenerali tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea
Nru dok. Cion:	COM(2019) 98 final
Suġġett:	Proposta għal DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL dwar il-pożizzjoni li għandha tittieħed, f'isem l-Unjoni Ewropea, fil-Kummissjoni dwar it-Tonn tal-Oċean tal-Indja u li tħassar id-Deċiżjoni 9398/1/14 REV 1

---

Id-delegazzjonijiet għandhom isibu meħmuż id-dokument COM(2019) 98 final.

Mehmuż: COM(2019) 98 final



IL-KUMMISSJONI  
EWROPEA

Brussell, 6.3.2019  
COM(2019) 98 final

2019/0048 (NLE)

Proposta għal

## **DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL**

**dwar il-pożizzjoni li għandha tittieħed, f'isem l-Unjoni Ewropea, fil-Kummissjoni dwar  
it-Tonn tal-Oċean tal-Indja u li tħassar id-Deċiżjoni 9398/1/14 REV 1**

## **MEMORANDUM TA' SPJEGAZZJONI**

### **1. SUĠĠETT TAL-PROPOSTA**

Din il-proposta tikkonċerna Deċiżjoni li tistabbilixxi l-pożizzjoni li għandha tittieħed f'isem l-Unjoni fil-laqgħat tal-Kummissjoni dwar it-Tonn tal-Oċean tal-Indja (IOTC) għall-perjodu 2019-2023 b'konnessjoni mal-adozzjoni prevista ta' miżuri ta' konservazzjoni u ġestjoni.

### **2. KUNTEST TAL-PROPOSTA**

#### **2.1. Il-Ftehim li jistabbilixxi l-Kummissjoni dwar it-Tonn tal-Oċean tal-Indja**

Bl-istabbiliment tal-IOTC, il-Ftehim li jistabbilixxi l-Kummissjoni dwar it-Tonn tal-Oċean tal-Indja (il-Ftehim tal-IOTC) jimmira li jipromwovi l-kooperazzjoni bil-għan li jiġu żgurati l-konservazzjoni u l-aħjar użu tal-istokkijiet u jitħeġġeġ l-iżvilupp sostenibbli tas-sajd ibbażat fuq dawn l-istokkijiet. Il-Ftehim daħal fis-seħħ fit-23 ta' Marzu 1996.

L-Unjoni hija parti għall-Ftehim tal-IOTC, wara li approvatu skont id-Deċiżjoni tal-Kunsill 95/399/KE<sup>1</sup>.

#### **2.2. Il-Kummissjoni dwar it-Tonn tal-Oċean tal-Indja**

L-IOTC huwa l-korp stabbilit mill-Ftehim biex ikun responsabbli mill-ġestjoni u l-konservazzjoni tar-riżorsi tas-sajd fiż-żona koperta mill-Ftehim. Dan jadotta miżuri ta' konservazzjoni u ġestjoni biex jiżgura l-konservazzjoni tal-istokkijiet koperti mill-Ftehim u biex jipromwovi l-aħjar użu tagħhom.

Bħala membru tal-IOTC, l-Unjoni għandha drittijiet ta' parteċipazzjoni u tal-vot. L-IOTC tieħu deċiżjonijiet b'kunsens, bil-possibbiltà ta' vot ta' maġġoranza ta' tliet kwarti.

#### **2.3. Id-Deċiżjonijiet tal-IOTC**

L-IOTC għandha l-awtorità li tadotta miżuri ta' konservazzjoni u infurzar għas-sajd taħt ir-responsabbiltà tagħha, li huma vinkolanti fuq il-partijiet kontraenti.

Skont l-Artikolu IX.4 tal-Ftehim, il-miżuri jidħlu fis-seħħ 120 jum wara d-data li fiha l-partijiet kontraenti jiġu notifikati dwarhom mill-IOTC. Il-partijiet kontraenti li joġġezzjonaw għal miżura fi żmien 120 jum minn meta jiġu notifikati mhumiex marbutin biha. Jekk aktar minn terz tal-partijiet kontraenti jissottomettu oġġezzjoni, il-partijiet kontraenti l-oħrajn mhumiex obbligati li jimplementaw il-miżura kkontestata.

### **3. IL-POŻIZZJONI LI GĦANDHA TITTIEĦED F'ISEM L-UNJONI**

Il-pożizzjoni li għandha tiġi adottata f'isem l-Unjoni fil-laqgħat annwali tal-Organizzazzjonijiet Reġjonali għall-Ġestjoni tas-Sajd (RFMOs) hija attwalment stabbilita skont approċċ fuq żewġ-livelli. Deċiżjoni tal-Kunsill tistabbilixxi l-prinċipji ta' gwida u l-orjentazzjonijiet tal-pożizzjoni tal-Unjoni fuq bażi pluriennali, u sussegwentement tiġi aġġustata għal kull laqgħa annwali bid-dokumenti informali tal-Kummissjoni li jridu jiġu diskussi fil-Grupp ta' Ħidma tal-Kunsill.

Għall-IOTC, dan l-approċċ huwa implimentat bid-Deċiżjoni tal-Kunsill 9398/1/14 REV 1<sup>2</sup> tat-8 ta' Mejju 2014, li tistabbilixxi l-pożizzjoni tal-Unjoni fl-IOTC għall-perjodu 2014-2018.

---

<sup>1</sup> Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 95/399/KE tat-18 ta' Settembru 1995 dwar l-adeżjoni tal-Komunità mal-Ftehim għall-ħolqien tal-Kummissjoni dwar it-Tonn tal-Oċean Indjan (ĠU L 236, 5.10.1995, p. 24).

Id-Deċiżjoni tinkludi prinċipji u orjentazzjonijiet ġenerali, iżda tqis, sa fejn hu possibbli, l-ispeċifitàjiet tal-IOTC. Barra minn hekk, tistabbilixxi l-proċess standard biex tiġi stabbilita l-pożizzjoni tal-Unjoni sena b'sena, kif mitlub mill-Istati Membri.

Id-Deċiżjoni 9398/1/14 REV 1 tippredvi reviżjoni tal-pożizzjoni tal-Unjoni qabel il-laqgħa annwali tal-2019. Għaldaqstant, din il-proposta tistabbilixxi l-pożizzjoni tal-Unjoni fl-IOTC għall-perjodu 2019-2023, u b'hekk tissostitwixxi d-Deċiżjoni 9398/1/14 REV 1.

Id-Deċiżjoni 9398/1/14 REV 1 inkorporat il-prinċipji u l-orjentazzjonijiet tal-Politika Komunitas-Sajd (PKS) il-ġdida kif stabbiliti fir-Regolament (UE) Nru 1380/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill<sup>3</sup>, filwaqt li tqis ukoll l-oġettivi tal-Komunikazzjoni mill-Kummissjoni dwar id-dimensjoni esterna tal-PKS<sup>4</sup>. Barra minn hekk, din aġġustat il-pożizzjoni tal-Unjoni fir-rigward tat-Trattat ta' Lisbona.

Ir-reviżjoni attwali tqis, b'rabta mal-impatti fuq is-sajd, il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Regġuni dwar *Strateġija Ewropea għall-plastiks f'ekonomija ċirkolari*<sup>5</sup>, il-Komunikazzjoni Konġunta mir-Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà u l-Kummissjoni dwar *Il-governanza internazzjonali tal-oċeani: aġenda għall-futur tal-oċeani tagħna*<sup>6</sup> u l-konklużjonijiet tal-Kunsill dwar dik il-Komunikazzjoni Konġunta<sup>7</sup>.

## **4. BAŻI ĠURIDIKA**

### **4.1. Bażi ġuridika proċedurali**

#### *4.1.1. Prinċipji*

L-Artikolu 218(9) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (TFUE) jipprevedi deċiżjonijiet li jstabbilixxu "l-pożizzjonijiet li għandhom jiġu adottati f'isem l-Unjoni f'sede stabbilita fi ftehim, meta dik is-sede tintalab tadotta atti li jkollhom effetti legali, sakemm dawn ma jkunux atti li jissupplimentaw jew jemendaw il-qafas istituzzjonali tal-ftehim".

"Atti li jkollhom effetti legali" jinkludu atti li għandhom effetti legali permezz tar-regoli tal-liġi internazzjonali li tirregola l-korp inkwistjoni, u l-istrumenti li ma għandhomx effetti vinkolanti taħt id-dritt internazzjonali, iżda huma "jistgħu jinfluwenzaw b'mod determinanti l-kontenut tal-leġiżlazzjoni adottata mil-leġiżlatur tal-Unjoni"<sup>8</sup>.

#### *4.1.2. Applikazzjoni għall-każ preżenti*

L-IOTC hija korp stabbilit bi ftehim, jiġifieri l-Ftehim tal-IOTC.

L-atti li l-IOTC hi mitluba tadotta jikkostitwixxu atti li għandhom effetti legali. Dawn għandhom ikunu vinkolanti skont id-dritt internazzjonali f'konformità mal-Artikolu IX tal-

---

<sup>2</sup> Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 9398/1/14 REV 1 dwar il-pożizzjoni li għandha tiġi adottata, f'isem l-Unjoni Ewropea, fil-Kummissjoni għat-Tonn tal-Oċean Indjan.

<sup>3</sup> Ir-Regolament (UE) Nru 1380/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar il-Politika Komunitas-Sajd, li jemenda r-Regolamenti tal-Kunsill (KE) Nru 1954/2003 u (KE) Nru 1224/2009 u li jħassar ir-Regolamenti tal-Kunsill (KE) Nru 2371/2002 u (KE) Nru 639/2004 u d-Deċiżjoni tal-Kunsill 2004/585/KE (ĠU L 354, 28.12.2013, p. 22).

<sup>4</sup> KUMM(2011) 424, 13.7.2011.

<sup>5</sup> COM(2018) 28 final, 16.1.2018.

<sup>6</sup> JOIN(2016) 49 final, 10.11.2016.

<sup>7</sup> 7348/1/17 REV 1, 24.3.2017.

<sup>8</sup> Is-Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tas-7 ta' Ottubru 2014, *Il-Ġermanja vs Il-Kunsill*, C-399/12, ECLI:EU:C:2014:2258, il-paragrafi 61 sa 64.

Ftehim tal-IOTC u huma kapaċi jinfluwenzaw b' mod determinanti l-kontenut tal-leġiżlazzjoni tal-UE, inkluż:

- Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1005/2008 li jistabbilixxi sistema Komunitarja sabiex tipprevjeni, tiskoraġġixxi u telimina sajd illegali, mhux irrappurtat u mhux irregolat<sup>9</sup>;
- Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1224/2009 li jistabbilixxi sistema Komunitarja ta' kontroll għall-iżgurar tal-konformità mar-regoli tal-Politika Komuni tas-Sajd<sup>10</sup>; u
- Ir-Regolament (UE) 2017/2403 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-12 ta' Diċembru 2017 dwar il-ġestjoni sostenibbli ta' flotot tas-sajd esterni<sup>11</sup>.

L-atti previsti ma jissupplimentawx jew ma jemendawx il-qafas istituzzjonali tal-Ftehim IOTC.

Għalhekk, il-bażi ġuridika proċedurali tad-Deċiżjoni proposta hija l-Artikolu 218(9) tat-TFUE.

## **4.2. Bażi ġuridika sostantiva**

### *4.2.1. Prinċipji*

Il-bażi ġuridika sostantiva għal Deċiżjoni skont l-Artikolu 218(9) tat-TFUE tiddependi primarjament mill-objettiv u mill-kontenut tal-att previst li dwaru tittieħed pożizzjoni f'isem l-Unjoni. Jekk l-att ikollu żewġ għanijiet jew żewġ komponenti, u jekk wieħed minn dawn l-għanijiet jew komponenti jkun jista' jiġi identifikat bħala dak ewlieni, filwaqt li l-ieħor ikun sempliċiment inċidentali, id-Deċiżjoni trid tkun imsejsa fuq bażi ġuridika sostantiva waħda, jiġifieri dik rikjesta mill-għan jew mill-komponent ewlieni jew predominanti.

### *4.2.2. Applikazzjoni għall-każ preżenti*

L-objettiv ewlieni u l-kontenut tal-att previst jirrigwardaw is-sajd. Ir-Regolament (UE) Nru 1380/2013 huwa l-bażi ġuridika li tistabbilixxi l-prinċipji li għandhom jiġu riflessi f'din il-pożizzjoni.

Għalhekk, il-bażi ġuridika sostantiva tad-Deċiżjoni proposta hija l-Artikolu 43(2) tat-TFUE. Id-Deċiżjoni għandha tissostitwixxi d-Deċiżjoni 9398/1/14 REV 1, li tkopri l-perjodu 2014-2018.

## **4.3. Konklużjoni**

Il-bażi ġuridika tad-Deċiżjoni proposta jenħtieġ li tkun l-Artikolu 43(2) tat-TFUE, flimkien mal-Artikolu 218(9) tat-TFUE.

---

<sup>9</sup> ĠU L 286, 29.10.2008, p. 1.

<sup>10</sup> ĠU L 343, 22.12.2009, p. 1.

<sup>11</sup> ĠU L 347, 28.12.2017, p. 81.

Proposta għal

## DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL

**dwar il-pożizzjoni li għandha tittieħed, f'isem l-Unjoni Ewropea, fil-Kummissjoni dwar it-Tonn tal-Oċean tal-Indjan u li tħassar id-Deċiżjoni 9398/1/14 REV 1**

### IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b' mod partikolari l-Artikolu 43(2), flimkien mal-Artikolu 218(9) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni Ewropea,

Billi:

- (1) Bid-Deċiżjoni tal-Kunsill 95/399/KE<sup>12</sup>, l-Unjoni kkonkludiet il-Ftehim għall-ħolqien tal-Kummissjoni għat-Tonn tal-Oċean Indjan (il-Ftehim tal-IOTC), li stabbilixxa l-Kummissjoni għat-Tonn tal-Oċean Indjan (IOTC).
- (2) L-IOTC huwa l-korp stabbilit mill-Ftehim IOTC biex ikun responsabbli mill-ġestjoni u l-konservazzjoni tar-riżorsi tas-sajd fiż-żona koperta mill-Ftehim tal-IOTC. Il-Kummissjoni tadotta miżuri ta' konservazzjoni u ġestjoni biex tiżgura l-konservazzjoni tal-istokkijiet koperti mill-Ftehim tal-IOTC u biex tippromwovi l-aħjar użu tagħhom. Dawn il-miżuri jistgħu jsiru vinkolanti fuq l-Unjoni.
- (3) Ir-Regolament (UE) Nru 1380/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill<sup>13</sup> jipprovdi li l-Unjoni għandha tiżgura li l-attivitajiet tas-sajd u tal-akkwakultura jkunu ambjentalment sostenibbli fit-tul u jkunu ġestiti b'tali mod li jkun konsistenti mal-objettivi li jinkisbu benefiċċji ekonomiċi, soċjali u tal-impjiegi, u li jikkontribwixxu għad-disponibbiltà tal-provvisti tal-ikel. Dan jipprovdi wkoll li l-Unjoni għandha tapplika l-approċċ prekawzjonarju għall-ġestjoni tas-sajd, u għandha tiżgura li l-isfruttar ta' riżorsi bijoloġiċi tal-baħar haġjin jirkupra l-popolazzjoni tal-ispeċijiet mistada u jżommhom 'il fuq mil-livelli li jistgħu jipproduċu r-rendiment massimu sostenibbli. Dan jipprovdi wkoll li l-Unjoni għandha tiegħu miżuri ta' ġestjoni u konservazzjoni bbażati fuq l-aħjar parir xjentifiku disponibbli, biex tappoġġa l-iżvilupp ta' għarfien u pariri xjentifiċi, biex telimina gradwalment il-qbid skartat u tippromwovi l-metodi ta' sajd li jikkontribwixxu għal sajd aktar selettiv u l-evitar u t-tnaqqis, kemm jista' jkun, ta' qabdiet mhux mixtieqa, għal sajd b'impatt baxx fuq l-ekosistema tal-baħar u r-riżorsi tas-sajd. Barra minn hekk, ir-Regolament (UE) Nru 1380/2013 jipprovdi speċifikament li daww l-objettivi u l-prinċipji għandhom jiġu applikati mill-Unjoni fit-twerttji tar-relazzjonijiet tas-sajd esterni tagħha.

<sup>12</sup> Id-Deċiżjoni tal-Kunsill tat-18 ta' Settembru 1995 dwar l-adeżjoni tal-Komunità mal-Ftehim għall-ħolqien tal-Kummissjoni dwar it-Tonn tal-Oċean Indjan (ĠU L 236, 5.10.1995, p. 24).

<sup>13</sup> Ir-Regolament (UE) Nru 1380/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Diċembru 2013 dwar il-Politika Komuni tas-Sajd, li jemenda r-Regolamenti tal-Kunsill (KE) Nru 1954/2003 u (KE) Nru 1224/2009 u li jħassar ir-Regolamenti tal-Kunsill (KE) Nru 2371/2002 u (KE) Nru 639/2004 u d-Deċiżjoni tal-Kunsill 2004/585/KE (ĠU L 354, 28.12.2013, p. 22).

- (4) Kif iddikjarat fil-Komunikazzjoni Konġunta mir-Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarjiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà u l-Kummissjoni Ewropea dwar *Il-governanza internazzjonali tal-oċeani: aġenda għall-futur tal-oċeani tagħna*<sup>14</sup>, u l-konklużjonijiet tal-Kunsill dwar dik il-Komunikazzjoni konġunta<sup>15</sup>, il-promozzjoni ta' miżuri għall-appoġġ u t-tisih tal-effettività tal-organizzazzjonijiet reġjonali għall-ġestjoni tas-sajd (RFMOs) u, fejn rilevanti, it-titjib tal-governanza tagħhom huwa fundamentali għall-azzjoni tal-Unjoni f'dawn il-fora.
- (5) Il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Reġjuni dwar *Strateġija Ewropea għall-Plastiks f'Ekonomija Ċirkolari*<sup>16</sup>, tirreferi għal miżuri speċifiċi biex jitnaqqas il-plastik u t-tniġġis tal-baħar, kif ukoll it-telf jew l-abbandun ta' rkaptu ta-sajd fil-baħar.
- (6) Jixraq li tiġi stabbilita l-pożizzjoni li għandha tittieħed f'isem l-Unjoni fil-laqgħat tal-IOTC għall-perjodu 2019-2023, minħabba li l-miżuri ta' konservazzjoni u infurzar tal-IOTC ser ikunu vinkolanti fuq l-Unjoni u jistgħu jinfluenzaw b'mod determinanti l-kontenut tad-dritt tal-Unjoni, jiġifieri, ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1005/2008<sup>17</sup>; ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1224/2009<sup>18</sup>; u r-Regolament (UE) 2017/2403 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill<sup>19</sup>;
- (7) Attwalment il-pożizzjoni li għandha tittieħed f'isem l-Unjoni fil-laqgħat tal-IOTC hija stabbilita bid-Deċiżjoni tal-Kunsill 9398/1/14 REV 1<sup>20</sup>. Jixraq li d-Deċiżjoni 9398/1/14 REV 1 titħassar u li tiġi sostitwita b'Deċiżjoni ġdida għall-perjodu 2019-2023
- (8) Fid-dawl tan-natura li qed tevolvi tar-riżorsi tas-sajd fiż-Żona tal-Ftehim tal-IOTC u l-ħtieġa konsegwenti għall-pożizzjoni tal-Unjoni biex tqis żviluppi ġodda, inkluża informazzjoni xjentifika ġdida u informazzjoni oħra rilevanti ppreżentata qabel jew matul il-laqgħat tal-IOTC, jenħtieġ li jiġu stabbiliti proċeduri, f'konformità mal-prinċipju ta' kooperazzjoni sinċiera fost l-istituzzjonijiet tal-Unjoni minqux fl-Artikolu 13(2) tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea (TUE), għall-ispeċifikazzjoni minn sena għal sena tal-pożizzjoni tal-Unjoni għall-perjodu 2019-2023.

<sup>14</sup> JOIN(2016) 49 final, 10.11.2016.

<sup>15</sup> 7348/1/17 REV 1, 24.3.2017.

<sup>16</sup> COM(2018) 28 final, 16.1.2018.

<sup>17</sup> Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1005/2008 li jstabbilixxi sistema Komunitarja sabiex tipprevjeni, tiskoraġġixxi u telimina sajd illegali, mhux irrappurtat u mhux irregolat, li jemenda r-Regolamenti (KEE) Nru 2847/93, (KE) Nru 1936/2001 u (KE) Nru 601/2004 u li jħassar ir-Regolamenti (KE) Nru 1093/94 u (KE) Nru 1447/1999 (ĠU L 286, 29.10.2008, p. 1).

<sup>18</sup> Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1224/2009 tal-20 ta' Novembru 2009 li jstabbilixxi sistema Komunitarja ta' kontroll għall-iżgurar tal-konformità mar-regoli tal-Politika Komuni tas-Sajd, li jemenda r-Regolamenti (KE) Nru 847/96, (KE) Nru 2371/2002, (KE) Nru 811/2004, (KE) Nru 768/2005, (KE) Nru 2115/2005, (KE) Nru 2166/2005, (KE) Nru 388/2006, (KE) Nru 509/2007, (KE) Nru 676/2007, (KE) Nru 1098/2007, (KE) Nru 1300/2008, (KE) Nru 1342/2008 u li jħassar ir-Regolamenti (KEE) Nru 2847/93, (KE) Nru 1627/94 u (KE) Nru 1966/2006 (ĠU L 343, 22.12.2009, p. 1).

<sup>19</sup> Ir-Regolament (UE) 2017/2403 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-12 ta' Diċembru 2017 dwar il-ġestjoni sostenibbli ta' flotot tas-sajd esterni, u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1006/2008 (ĠU L 347, 28.12.2017, p. 81).

<sup>20</sup> Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 9398/1/14 REV 1 dwar il-pożizzjoni li għandha tiġi adottata, f'isem l-Unjoni Ewropea, fil-Kummissjoni għat-Tonn tal-Oċean Indjan.

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

*Artikolu 1*

Il-pożizzjoni li għandha tittieħed f'isem l-Unjoni fil-laqgħat tal-Kummissjoni dwar it-Tonn tal-Oċean tal-Indja (IOTC) hija stabbilita fl-Anness I.

*Artikolu 2*

L-ispeċifikazzjoni minn sena għal sena tal-pożizzjoni tal-Unjoni li għandha tittieħed fil-laqgħat tal-IOTC għandha titwettaq f'konformità mal-Anness II.

*Artikolu 3*

Il-pożizzjoni tal-Unjoni stabbilita fl-Anness I għandha tiġi vvalutata u, fejn xieraq, riveduta mill-Kunsill fuq proposta mill-Kummissjoni, l-aktar tard, għal-laqgħa annwali tal-IOTC fl-2024.

*Artikolu 4*

Id-Deċiżjoni 9398/1/14 REV 1 tat-8 ta' Mejju 2014 hija mħassra.

*Artikolu 5*

Din id-Deċiżjoni hija indirizzata lill-Kummissjoni.

Magħmul fi Brussell,

*Għall-Kunsill*

*Il-President*